MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 64/2004

Maltacom p.l.c.

vs

Anthony Grech

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija tnejn u disghin liri maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1892.37) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnnessjoni ma' servizzi telefonici 21341720, 21375609 u 21338467 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A) liema servizzi gew istallati f'89, Flat/1, Tigne Street, Sliema (CN1057765) rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti u ta’ l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas s-somma mitluba ta’ elf, tmien mija tnejn u disghin liri maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm1892.37) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------